**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 61

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 61 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 28 ta'Marzu 2023, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut 21 ta'Marzu, 2023
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Carlos Zarb Viċi Sindku
- Daryl Connor Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Mary Borg Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier

Online

- Alfred Bray Kunsillier
- Anne Marie Fenech Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier

Skużati

- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**61.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva nota ta'apoloġija mingħand il-Kunsilliera Mario Salerno u Anthony Delia.

**61.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti -** *Laqgħa numru (60)*

Il-minuti tal-laqgħa 60 ġew meħuda bħala moqrija

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti kif tressqu.

Il-Kunsillier Paul Bugeja issekonda l-mozzjoni.

Il-minuti tal-laqgħa 60 ġew approvati nem.con.

**61.3 Punti mill-Minuti**

- **Kuntratt bir-Riferenza Numru T/03/2018 – Waste Collection LTD**

  Id-Dipartiment Gvern Lokali laqa' rikjesta mressqa mis-Sindku Alfred Grima sabiex id-dipartiment jagħmel tajjeb għad-€29,500 (Vat inklża) f'kumpens marbut mat-tmiem tal-kuntratt ta' Waste Collection Ltd.

- **Community Greening Grant**

  Il-kunsill issottometta żewġ applikazzjonijiet bil-proġetti ta' l- Erba Imwieżeb u ta' Ġnien Olimpiku għal l-iskema li għalqet fit-28 ta' Frar, 2023 kif kien approvat.

- **Ħajt imġarraf fi Triq San Ġorġ.**

  Fuq parir ta' l-Avukat Dr. D. Bonello, se tinbagħat ittra legali lill-partijiet kollha konċernati fejn fiha se jingħad li se jsir xogħol minn naħa tal-kunsill biex jitneħħa l-periklu minn triq pubblika pero dan bl-ebda ammissjoni ta' responsabbilta jew ħtija u kull azzjoni għad-danni fil-konfront tal-kunsill se tiġi rifferita lil terzi stante li huwa ċar li r-responsabbilta hi ta' ħaddieħor. Ingħad, li sid il-farm kontinwament jippermetti li vetturi jipparkjaw fuq il-ħamrija biswiet iż-żona li hu stess indika li kienet perikoluża.

**61.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- **Elvis Tribute – Rikjesta għal permess ta' attivita**

  Intalab permess biex iż-żona tal-parkeġġ ta' Triq il-Fliegu u t-toroq tal-madwar jingħalqu bejn is-7am tas-16 ta' Awwissu 2023 sa l-għada f'nofs inhar. Dan biex tittella attivita'ta' mużika organiżżata minn żewġ stabbilimenti kummerċjali.

  Tqajjem il-punt, li fiż-żmien indikat jaf ikun hemm għaddejjin xogħolijiet ta'bini mill-ġdid ta' Triq l-Imrejkba u Triq il-Konz. Il-kunsill qabel li l-applikant għandu jibgħat pjan li jinkludi l-aspetti kollha nvoluti, fosthom, insurance, sigurta, immaniġġjar tat-traffiku, tiolets u tindif.

- **Karnival tas-Sajf Buġibba**

  Il-Karnival tas-Sajf f'Buġibba se jsir f'Awwissu 2023 b'kolloborazzjoni ma Festivals Malta.

- **Extensive patching bil-hot asphalt**

  Triq Għaxra ta' Frar - Tlestew ix-xogħolijiet li kien ilhom approvati biex isiru mill-2011.

  Il-kunsill approva li jsiru xogħolijiet ta' extensive patching fi Triq Salvatore Borg u Triq il-Villeġjatura.

- **Estenzjoni ta' bankini**

  B'konsegwenza li ma għadhomx jintużaw għal lis-skop li saru, il-kunsill approva t-tneħħija ta' l-estenzjoni ta' bankini fi Triq il-Villeġjatura u fi Triq it-Trunċiera faċċata tal-Perched Beach.

- **Kumitat Festa San Pawl il-Baħar –** rikjesta għal ħofor ta' l-arbli tan-nar

  Il-kunsill jinnota, li fl-akkwati ndikati hemm il-gallarija li qeda tiġi rinovata b'materjal tal-injam. Għaldaqstant intalbet informazzjoni ta' fejn eżatt qed jiġu pproponuti li jsiru l-ħofor.

- **Moll Buġibba**

  Il-bini mill-ġdid tal-moll ta' Buġibba se jibda f'April 2023 u mistenni jieħu madwar sentejn biex jitlesta. Ġiet ippreżentata pjanta dwar immaniġġjar tat-traffiku fejn il-kunsill innota li Transport Malta naqset milli tikkonsulta miegħu dwar il-proġett.

- **Xatt il-Pwales – tiswija ta' spralli**

  Bdew tiswijiet fl-ispralli minn IM biex jiġi evitat il-perikolu eżistenti. Konsegwenza ta' hekk, inqalaw partijiet mill-bankini u l-bankijiet biex it-traffiku jkun jista jgħaddi.

- **Malta International Fireworks Festival**

  Data 26 ta' April 2023

- **SSCS services – Servizz ta' knies fil-lokalita'**

  Il-Kumpanija SSCS li għanda l-kuntratt tal-knies, infurmat, biex il-kuntratt tagħha ma jiġiex estiż. Dan fid-dawl tal-klima attwali ta' inflazzjoni fuq il-prodotti, nuqqas ta' ħaddiema fis-settur u ż-żieda 100% fir-rati mposti biex jintrema l-iskart.

  Il-kunsill qabel li jistieden lill-kuntrattur jindika d-differenza fl-ispiża relatata mar-rimi ta' l-iskart bejn iż-żmien li nbeda jingħata s-servizz u llum. Ġie deċiż ukoll li tinstab alternattiva fid-dawl li ma jkunx hemm soluzzjoni dwar s-servizz mogħti fil-preżent.

- **Car boot sale**

  Saret rikjesta biex jiġu organiżżati car boot sale fil-lokalita'. Qam il-punt li jitħalla skart kull fejn jintramaw swieq fil-beraħ u l-fatt ta' nuqqas ta' tħaris ta' liġijiet.

  Il-kunsill iddeċieda, li f'każ li l-quddiem isir car boot sale, dan għandu jiġi organiżżat mill-persuna risponsabbli mill-attivitajiet tal-kunsill. Qabel ukoll, li fil-laqgħa li jmiss, il-Kunsillier Daryl Connor iressaq pjan dettaljat dwar l-organiżżazjoni meħtieġa.

- **Rotta għall-Marsaxlokk**

  Il-kunsill qabel li titressaq rikjesta lill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku biex tiżdid rotta li titlaq mill-Venda tal-Qawra għall-Marsaxlokk kull nhar ta' Ħadd.

**61.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**61.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

*61.6.1 Rapport Amministrattiv*

Ir-rapport amministrattiv 2022 ġie approvat mill-kunsill nem.con.

*61.6.2 Rapport ta' ħidma tal-Kunsilliera*

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kunsill kopja ta' rapport ta' ħidma mwettqa minnu u mill-kunsilliera. Fakkar, biex min għadu ma ppreżentaħx jagħmel dan.

**61.7 Ingaġġ ta' żewġ Operative Hand skala 18**

3 persuni applikaw, 2 minhom attendew għal intervista li nżammet fis-27 ta' Marzu 2023.

Il-Bord ta' l-Għażla tal-Haddiema rrakomanda li jiġu mpjegati ż-żewġ persuni li attendew.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mill-Kunsillier Mary Borg biex ir-rapport imressaq mill-Bord ta' l-Għażla ta'Ħaddiema jiġi approvat.

Il-Kunsill approva nem.con.

**Riżenja ta' Operative Hand skala 18**

Il-Kunsill ġie nfurmat li mpjegat fi skala Operative Hand irriżenja għax sab impjieg b'paga aħjar.

**61.8 Sejħa għal żewġ EO's skala 13**

Applikaw 3 ħaddiema klerikali fi ħdan il-kunsill, fejn dawn attendew għal intervista li nżammet it-Tnejn 27 ta' Marzu 2023. Il-Bord ta' l-Għażla rrimarka, li t-3 skrivani jikkwalifikaw biex jinħatru fi skala 13. Ma dan kollu, skrivan minhom għadu fuq il-perjodu ta' 6 xhur probation.

Il-Bord irrakomanda, li jinħatru ż-żewġ impjegati li għandhom aktar minn 3 snin esperjenza.

Il-Kunsillier Christ Vella Petroni ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mill-Kunsillier Paul Bugeja biex ir-rapport jiġi approvat kif imressaq mill-Bord ta' l-Għażla ta'Ħaddiema.

Il-Kunsill approva nem.con.

**61.9 Ħruġ ta' Tenders**

- **Tender SPBT/02/2023 Xiri Servizz ta' Accountant**
  Tender qiegħed fi proċess ta' evalwazzjoni.

- **Tender SPBT/03/2022 Services Collection of Bulky**
  Il-kunsill ġie nfurmat li sar appell dwar it-tender tal-bulky li kien mistenni li jibda jinstema fit-28 ta' Marzu iżda ġie differit għat-18 ta' April 2023.

- **Tender SPBT/01/2023 Xiri Servizz ta' Avukat**
  Il-kunsill iddeċieda li jsiru xi verifikazzjonijiet qabel tittieħed deċiżjoni finali dwar dan it-tender.

- **Tender SPBT/04/2022 Soft Areas.**

Intefaw 4 offerti li teknikament kienu kollha korretti.

Il-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni irrakomanda li l-kuntratt jingħata lill-kumpanija bl-inizzjali M.T.G. li kellha l-irħas prezz għal €89,481.60 eskluż il-Vat fuq 4 snin.

Il-kunsill approva nem.con ir-rakomandazzjoni tal-Bord f'mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima u ssekondata mill-Vici Sindku Carlos Zarb.

**61.10 Laqgħa Annwali tal-Lokalita' – April 2023**

Ġie approvat li l-laqgħa annwali tinżamm nhar l-13 ta' April 2023 fil-17.30 hrs.

**61.11 Affarjiet Oħra**

- **Attivitajiet**

Is-Sindku Alfred Grima ippropona li;

1. bejn it-22 u 24 ta' Settembru 2023 tittella l-attivita' ġdida "Destination NORTH".
2. tiddaħħal applikazzjoni għal skema Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 skont Ċirkulari SPI/SCI/01/2023 fejn il-Kunsill jiddikjara li huwa dispost li jiffinanzja l-bilanċ ta' l-ispiża.
3. l-Qawra Christmas Community Fair tinżamm fi Triq il-Korp tal-Pijunieri.
4. jiġi allokat baġit ta' €90,000 għall-attivitajiet ta' l-2023.
5. tittella attivita' ġdida fuq jumejn marbuta mal-festi f'April 2024.

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Alfred Bray.

Il-kunsill approva nem.con.

**Ħarġa għal anzjani**

Il-kunsill qabel li jagħmel tajjeb għal lis-spiża tat-trasport għall-ħarġa ta' l-anzjani li se ssir fis-27 ta' April 2023.

- **PA/01315/23 off, Triq il-Bidnija, Bidnija**

*To construct two stables, fodder store, reservoir, manure clamp and ancillary facilities.*

Il-kunsill oġġezzjona għal applikazzjoni għaliex dak propost ma huwiex relatat mal-biedja u l-art hi ODZ. Joġġezzjona ukoll kemm il-darba l-applikant ma huwiex bidwi full time.

- **PA/00782/23** *Aurora, Triq il-Fortizza, Wardija, San Pawl il-Bahar* ***ODZ***

Proposed swimming pool with u/l balancing tank and pump room to existing villa.

Il-kunsill oġġezzjona għal applikazzjoni għaliex dak propost ma huwiex relatat mal-biedja u l-art hi ODZ.

- **PA/01356/23 at 4, Triq Sant' Aristarku**

*To sanction changes to store 121/garage as approved with PB2582/73, and proposed change of use to a public service garage.*

Il-kunsill oġġezzjona għal applikazzjoni kemm għall-fatt li l-garaxx jinstab f'żona residenzjali u kif ukoll għax jista jkun ta' inkonvenjent għar-residenti.

- **PA/0977/23 Cafe Bistro 64, Triq Sant' Aristarku - Proposal for tables and chairs**

  Il-kunsill oġġezzjona li jitpoggew siggijiet u mwejjed fi triq bil-konsegwenza li jkomplu jonqsu l-parkeġġi u jiżdied l-inkonvenjent għal kull minn juża l-bankina.

- **PA/00656/23 - Fuel Station - Burmarrad**

  Il-Kunsill qabel li titressaq rappreżentazzjoni dwar l-applikazzjoni.

- **Klejms**

  Il-Bord tal-Klejms ippreżenta rapport dwar 12 il-każ li ġew diskussi. Ippropona;

1. Li 4 klejms relatati ma allegat nċidenti fi Triq Għajn Tuffieħa ma għandhomx jintlaqaw u jinġibu għall-attenzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u Bonnici Group, li huma risponsabbli mix-xogħolijiet li qed isiru fl-imsemmiegħa triq.
2. Li 4 klejms oħra ma jintlaqawx riżultat ta' nuqqas ta' provi konkreti.
3. Li jitħallas l-ammont globali ta' tmiem mija u ħames euros għal 4 klejms l-oħra.

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mill-Kunsillier Paul Bugeja

Biex jiġi approvat ir-rapport imressaq mill-Bord tal-Klejms.
Il-kunsill approva nem.con.

**61.12 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi.**

**Żebra Crossing Dawret il-Gżejjer**

Il-kunsill approva ħlas ta' €5,500 + VAT għax-xiri u nstallazzjoni ta'solar belisha lights.

**Plate Compactor**

Il-kunsill approva ħlas ta' €735 għax-xiri ta'plate-compactor għal cold tarmac pachting.

**61.13 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti numru 3**

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb u l-Kunsilliera Mary Borġ ipproponew u s-sekondaw rispettivament l-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda 3 ġiet approvata mill-kunsill nem.con.

**61.14 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20.15 hrs u aġġornata għat-Tlieta 25 ta' April 2023 fil-17.30 hrs.

**Approvati fil-25 ta' April, 2023**

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Alfred Grima<br>Sindku | Marico Sammut<br>Segretarju Eżekuttiv |